# **Tribunal Industrijali**

# **Deċiżjoni Nru : 2715**

**Każ Nru : 3769/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Edward Domnic Polidano**
**(K.I. Nru. 231585(M)**

**u**

**GO plc (C-22334)**

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:**

Għall l-informazzjoni, dan il-każ ġie assenjat lis-Sur Franco Masini bħala Chairman li astjena minnu peress illi hu kien azzjonist tas-Socjeta' GO plc, u gieli kien imsejjah biex jippresjedi bord ta' dixxiplina ta' l-istess Socjeta', wara, il-każ ġie assenjat lili bħala Chairman fit-8 ta' Novembru 2019.

Dan il-każ ġie ntavolat mill-avukati Dr. Andy Ellul u Dr. Ryan Ellul permezz ta' rikors fit-22 ta' Lulju, 2019, f'isem ir-rikorrent. Id-dikjarazzjonijiet fir-rikors kienu kif ġej.

Ir-rikorrent beda bħala student fl-1985 mas-soċjeta' ntimata u fl-1988 sar tal-post b'mod indefinit bħala *mechanical fitter* u wara bħala *aircondition technician.* Fl-10 ta' April, 2017 ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, talli fis-26 ta' Frar, 2016, allegament ikkommetta serq ta' kurrent elettriku għad-danni tas-soċjeta' ntimata.

Fil-21 ta'Jannar, 2019, il-Qorti ma sagħbitx lir-rikorrent ħati ta' l-akkuża ta' serq ta' elettriku u minnha lliberatu u minflok sabitu ħati ta' kompliċita f'serq aggravat bil-persuna u bil-lok u kkundannatu tlettax-il xahar priġunerija sospiżi għal perjodu ta' sentejn.

Illi r-rikorrent ħassu aggravat minn din is-sentenza u fl-1 ta' Frar, 2019, intavola appell li għadu fi stadju ta' trattazzjoni. Dan ifisser li l-esekuzzjoni ta' l-ewwel sentenza ġiet sospiża u għaldaqstant ir-rikorrent ghadu preżunt innoċenti u għaldaqstant għadu jiġi ttrattat hekk mil-Qrati.

Illi s-soċjeta' ntimata fis-sena 2016, bdiet proċeduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent fuq allegat serq.

Illi skont l-ittra mibgħuta lir-rikorrent nhar il-25 ta' Lulju, 2016, tali proċeduri dixxiplinarji ġew sospizi sakemm il-proċeduri kontra r-rikorrent jiġu konklużi mill-Qrati Maltin.

Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' April, 2019, ir-rikorrent ġie mkeċċi b'effett immedjat.

Illi għalkemm il-bord tad-dixxiplina kien iddeċieda li l-proċeduri jibqgħu sospiżi sakemm il-każ tar-rikorrent jiġi konkluż mill-Qrati Maltin, is-soċjeta' ntimata xorta tterminat l-impjieg.

Illi anke kieku l-Qorti kellha tikkonferma l-ewwel sentenza xorta waħda ma jiġġustifikax kif is-soċjeta' ntimata mxiet mar-rikorrent.

Illi s-soċjeta ntimata aġixxiet kontra l-proċeduri dixxiplinarji tagħha stess li t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet waħda nġusta u kontra l-Liġi.

Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob li t-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni kienet waħda nġusta u jagħti kumpens xieraq jew jagħti lura l-impjieg fil-grad u l-paga ta' qabel tkeċċa.

Min naħa tagħha s-soċjeta' ntimata, permezz ta' l-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona ddikjarat qbil mal-fatti elenkati fir-rikors tar-rikorrent rigward li r-rikorrent kien inqabad jipparteċipa f'serq ta' kurrent elettriku mis-soċjeta' ntimata għal benefiċċju ta' terzi persuni.

Illi għal dawk li huma fatti ma hemmx differenzi bejn il-partijiet u l-fatt li r-rikorrent deherlu li kellu jinterponi appell quddiem l-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali wara sejbien ta' ħtija ma għandux jaffetwa l-kwistjoni ċivili bejn il-partijiet.

Illi r-rikorrent irrenda ruħu mhux affidabbli fid-dawl li kellu aċċess għal propjeta' tas-soċjeta' ntimata u li abbuża minn dan l-aċċess.

## Provi

F'dawn il-proċeduri xehdu: Marie Louise Theobald – Senior Manager Workforce & Performance Management, Go plc., u Ayrton Caruana –Head of Human Resources, Go plc. Ġew ippreżentati ukoll diversi dokumenti.

## Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni

It-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk is-soċjeta' ntimata kienetx ġusta u skont il-liġi li tterminat l-impjieg tar-rikorrent.

F'dan il-każ prattikament iż-żewġ partijiet qablu fuq il-fatti li ġraw.

Fil-25 ta' Lulju 2016 meta bdew il-proċeduri dixxiplinarji nterni mis-soċjeta' ntimata sar ftehim bejn il-partijiet li dawn jiġu sospiżi sakemm il-każ jintemm u jiġi deċiż mill-Qrati Maltin.

Fit-2 ta' Jannar 2019, il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali , ma sagħbitx lir -rikorrenti ħati ta' l-akkuża ta' serq ta' l-elettriku iżda sabitu ħati ta' kompliċita f'serq aggravat bil-persuna u bil-lok u kkundannatu tlettax -il xahar priġunerija sospiża għal perjodu ta' sentejn.

Ir-rikorrent wara din is-sentenza ħassu aggravat u fl-1 ta' Frar 2019 intavola appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li għadu fi stadju ta' trattazzjoni.

F'dan il-proċess xhedu biss żewġ uffiċjali għolja tas-soċjeta' ntimata li kienu nvoluti direttament fil-proċess dixxiplinarju tar-rikorrent.

Is-Sinjura Marie Louise Theobald ikkonfermat li s-soċjeta ħadet deċiżjoni li l-każ jitħalla għaddej mil-pulizija fil-qorti rigward l-investigazzjonijiet li kienu qed jagħmlu. Theobald kompliet li għaldaqstant is-soċjeta' ntimata ma setgħetx tkeċċi r-rikorrent fil-25 ta' Lulju 2016 qabel ma l-każ fil-Qorti jiġi deċiż.

Is-Sur Ayrton Caruana xhed li kien ġie deċiż li s-soċjeta' ntimata kienet ħa tistenna il-proċeduri tal-Qorti u meta dawn jingħalqu tieħu deċiżjoni. Kompla

billi qal li, izda,  s-soċjeta' ntimata iddecidiet li ma tibbażax fuq id-deċizjoni ta' l-appell u li ma deherilomx li kellhom jistennew id-deċiżjoni ta' l-appell u l-ebda deċiżjoni tal Qorti. Ix-xhud ikkonferma li kien jaf li l-każ kien fi stadju t'appell. Kompla jgħid li vera s-soċjeta' kienet qalet ħa tistenna l-eżitu tal-proċeduri tal-Qorti iżda s-soċjeta ma riditx tistenna iktar u ħadet deċiżjoni.

It-Tribunal jagħraf kwistjonijiet ċivili bħal ma hu dan il-każ u każijiet oħra li jiġu quddiem it-Tribunal.

Iżda, f'dan il-każ partikolari is-soċjeta' ntimata iddikjarat u ntrabtet bil-miktub nhar il-25 ta' Lulju 2016, li kienet ħa tissospendi l-każ sakemm jingħalqu l-proċeduri fil-Qorti Kriminali, li marru fi stadju ta' appell. Tant li ddikjarat li jekk ir-rikorrent ma jinstabx ħati ittieh final warning. Is-soċjeta' ddikjarat ukoll li jekk jinstab ħati kienet se tirriserva d-dritt li tkeċċi lir-rikorrent fuq 'gross misconduct'.

Dan kollu ġie ikkonfermat mill-uniċi żewġ xhieda prinċipali, persuni f'karigi għolja, tas-soċjeta' ntimata.

It-Tribunal għandu r-riservi tiegħu kif imxiet is-soċjeta ntimata rigward il-proċess dixxiplinarju filwaqt li jirrikonoxxi r-responsabilita tar-rikorrent għal dak li seħħ fil-konfront tiegħu.

It-Tribunal għaldaqstant qed jiddeċiedi li fiċ-ċirkostanzi tal-fatti, it-tkeċċija kienet waħda pre-matura u għalhekk inġusta.

It-Tribunal qed jiddeċiedi ukoll li hemm lok ta' kumpens, dejjem fid-dawl tar-responsabilitajiet tar-rikorrent u ghaldaqstant il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' erba'  t'elef u seba mitt euro (€4,700).

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' €93.17.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Illum : 25 ta' Frar, 2021

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja